MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 1064/2011

**SIMONDS FARSONS CISK p.l.c (C-113)**

vs

**LEONPLAST S.A.S.** di Leone Diego & C
(kumpannija estera reġistrata ġewwa l-Italja)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-31 ta' Ottubru, 2011, bil-proċedura sommarja speċjali, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, s-soċjeta' attrici talbet li din il-Qorti:

(i) Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, għall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12;

(ii) Issib lill-kumpannija mħarrka debitriċi tagħha fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, ħames mija u tmienja u sebgħin euro u wieħed u ħamsin ċenteżmi (€24,578.51) rappreżentanti l-import ta' *cheque* preżentat mill-istess intimata u li ma setax jissarraf, u l-import ta' imballaġġ ta' fliexken tal-plastika, lilha mibjugħa u konsenjati mill-kumpannija attriċi; u

(iii) Tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas l-imsemmija somma ta' €24,578.51 flimkien mal-imgħaxijiet kummerċjali sal-jum tal-ħlas effettiv. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors u l-Avviż tas-Smigħ ġew debitament notifikati lis-soċjeta' intimata skond id-dispożiżżjonijiet tar-Regolament Komunitarju 1393/07KE li naqset li tidher jew tkun rappreżentata kif jixraq meta ssejħet il-kawża waqt is-smigħ tal-lum;

Semgħet ix-xhieda ta' rappreżentant tas-soċjeta' attriċi;

Semghet l-Avukati tas-soċjeta' attrici;

Rat in-nota mressqa waqt is-smigħ tal-lum mis-soċjeta' attriċi li biha rriduċiet it-talba għas-somma ta' għoxrin elf sitt mija u tlieta u tmenin euro u tnax-il ċenteżmi (€20,683.12) stante ħlas akkont fil-mori tal-kawża;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba kif hekk imnaqqsa tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ, għall-finijiet tal-artikolu 167 tal-Kap 12;

2. **Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka għandha tagħti lill-kumpannija attriċi għoxrin elf, sitt mija u tlieta u tmenin euro u tnax-il ċenteżmi (€20,683.12) rappreżentanti l-kreditu fuq imsemmi;

3. **Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-istess kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma msemmija ta' €20,683.12, flimkien mal-imgħaxijiet kummerċjali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-11 ta' Ottubru, 2010, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

4. **Tikkundanna** lill-kumpannija imħarrka tħallas ukoll l-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------